# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 24 t’April tas-sena 2001.**

**Numru 38**

**Avviz numru 30/01/SM**

**Laferla Insurance Agency Limited**

**vs**

**Michael Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta’ Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u seba’ u sebghin centezmi (LM821.77,0), rapprezentanti l-bilanc tal-permium ossija korrispettiv ta’ polza ta’ assikurazzjoni tat-tip “Health Policy” numru 2HT/03517/98/11, mahruga mis-socjeta’ attrici fuq talba u ghall-beneficcju tieghek;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult (LM10.00,0), dawk tal-ittra interpellatorja datata t-18 ta’**

**Settembru, 2000 (LM5.00,0) u bl-imghaxijiet legali b'effett tan-notifika ta' dan l-att, sad-data tal-pagament effettiv;**

**3. Inti ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet lill-konvenut fuq indikat bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont minnhu pretiz mis-socjeta' attrici huwa minnhu lilha dovut u li hu lest li jhallas l-istess ammont indikat fl-avviz, anke ratealment;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista ta' l-ammissjoni guramentata tal-konvenut din il-qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Michael Camilleri ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont minnha pretiz ta' tmin mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u seba' u sebghin centezmu, (LM821.77,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**